# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar L-Erbgha 22 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru: 28**

**Rikors Numru: 66/2004 JPG**

**Paul Caruana**

**-vs-**

**Rudolphe Gaerty u Global Executive Search (Malta) Limited (C16725)**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn PL Jean Pierre Busittil fl-27 ta' Jannar 2004, fuq talba ta' Paul Caruana, a fol 1 et seq, li taqra hekk:

*Premess illi permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Gunju, 1997 (Dok. 'PC1'), konkluza blejn l-attur u l-konvenut, giet ittrasferita 'in toto' l-attivita' kummercjali mibdija u avvjata f'malta mill-istess attur li kienet tikkonsisti fl-Ufficcju Rappresentattiv hawn Malta tas-socjeta' estera M.S.I International gja' S.C.I (U.K) Limited li n-natura ta' l-attivita' taghha hija wahda hekk imsejha bhala 'head hunting' u cioe' li tidentifika kandidati potenzjali ghall-*

*impjiegi, inter alia u b'mod partikolari, fis-settur bankarju u finanzjarju, u tirranga ghall-impjieg ta' l-istess fis-swieq internazzjonali;*

*U premess illi ai termini ta' l-istess skrittura privata, il-konvenut kellu jhallas lill-attur rati ta' kummissjoni skond in-natura u l-origini tal-'placements' ta' impjiegi maghmula, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

*U premess illi l-attur gja' inizzja proceduri quddiem il-Qorti Civili, Prim' Awla halli jithallas il-kummissjonijiet dovuti lilu mill-konvenut ai termini ta' l-istess skrittura privata u dana fit-23 ta' Frar, 1998 (Cit. Nru:: 369/98/JRM) liema kawza tinsab quddiem il-Qorti Civili , Prim' Awla per Onor. Imhallef Dr. J. R. Micallef iddiferita ghall-20 t'April, 2004;*

*U premess illi ai termini tal-imsemmija skrittura l-obbligu tal-konvenut illi jhallas il-kummissjonijiet lill-attur jittermina nhar is-16 ta' Settembru, 2002 u ghalhekk il-konvenut ghad baqghalu wkoll ihallas il-kummissjonijiet lill-attur mill-24 ta' Frar, 1998 sas-16 ta' Settembru, 2002;*

*U premess ukoll illi permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar, 2000 mibghuta minn MSI International lill-konvenut Rudolphe Gaerty, is-socjeta' MSI International ipprezentat ruhha li kienet qieghedha tittermina l-licenzja moghtija lill-konvenut Rudolphe Gaerty sabiex ghan-nom taghha kif fuq premess;*

*U premess ukoll illi minn indagini kondotta mill-attur sussegwentement irrizultalu illi n-negozju kollu ta' l-MSI International baqa' kontinwament u ininterorrament u ghadu sad-data tac-citazzjoni odjerna jigi gestit f'Malta taht id-direzzjoni dirett tal-konvenut Rudolphe Gaerty, izda flok fil-kwalita' tieghu, tramite s-socjeta' konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited u dwar dan il-konvenut gja' inizzja proceduri (Cit' Nru.: 345/01/JRM) u dana nhar it-2 ta' Marzu, 2001;*

*U premess illi ghalhekk certa kummissjonijiet jistghu jkunu dovuti minn din is-socjeta' kummercjali konvenuta mit-3 ta' Marzu, 2001 sad-data ta' l-iskadenza ta' l-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe' is-16 ta' Settembru, 2002.*

*U premess għall-perjodi hawn fuq imsemmija l-attur ma tħallasx dak li huwa dovut lilu bħala kummissjonijiet ai termini tal-iskrittura privata hawn fuq imsemmija.*

*U premess illi nonostante illi l-konvenut Rudolphe Gaerty gie interpellat permezz ta' ittra ufficcjali datata 17 ta' Novembru, 2003 debitament innotifikata u l-istess konvenut baqa' inadempjenti.*

*U premess illi jkun opportun kemm minhabba illi l-mertu huwa wiehed identiku kif ukoll ghall-ekonomija tal-gudizzju illi l-kawza odjerna tinstemgha mal-kawza fl-istess ismijiet (Cit. Nru.:: 369/98/JRM) liema kawza tinsab quddiem il-Qorti Civili, Prim' Awla per Onor. Imhallef Dr. J. R. Micallef iddiferita ghall-20 t'April, 2004.*

*Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandix:*

1. *Tordna illi l-kawza odjerna tinstemgha flimkien mal-kawza fl-ismijiet 'Paul Caruana v. Rudolph Gaerty' (Cit. Nru. 369/98/JRM) iddiferita ghal nhar l-20 t'April, 2004;*

2. *Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom risponsabbli ghall-hlasijiet ta' dawk il-kummissjonijiet lilu dovuti fuq 'placements' ta' impjiegi maghmula mill-konvenuti jew min minnhom ghall-perjodi hawn fuq indikati;*

3. *Tillikwida l-ammont totali ta' tali hlasijiet ta' kummissjonijiet hekk dovuti kif fuq premess, occorendo bl-opera ta' periti nominandi; u*

4. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom illi jhallsu lill-attur is-somma hekk illikwidata jew ikkomputata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 17 ta' Novembru, 2003 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jgib l-istess ismijiet u bin-Numru 2095/2003, u bl-*

*imghax legali kontra l-konvenut sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur Paul Caruana detentur tal-karta tal-inentita' bin-numru 753360M tad-27 ta' Jannar 2004 (a fol. 3 et seq);
Rat illi l-atti tac-citazzjoni, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet ta' Global Executive Search (Malta) Limited, datata 19 ta' Frar 2004, a fol 18;

1) *Illi t-talbiet tal-attur fil-konfornt tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-konvenuta esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur u stante illi ma hemm l-ebda ness bejn il-konvenuta esponenti u l-attur li taghti lok illi t-talbiet mal-attur jigu milqugha u ghalqastant ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju, b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti.*

2) *Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-Dikjarazzjoni ta' Global Executive Search (Malta) Limited, datata 19 ta' Frar 2004, a fol 19;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty, datata 5 ta' Awissu 2004, a fol 31 et seq;

1) *Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2148 (e) tal-Kodici Civili u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;*

2) *Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante l-fatt li huma nfondati fill-fatt u*

*fid-dritt, u dan ghaliex il-konvenut Rudolphe Gaerty mhuwiex il-legittimu kontradittur billi oltre l-fatt illi l-attur kellu relazzjoni guridika diretta mas-socjeta' estera MSI International, ai termini ta' artikolu 7.3 tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 1997 li fuqu l-attur qieghed jibbaza l-pretensjonijiet tieghu, l-pagament tal-kummissjoni kien direttament dovut mis-socjeta' estera MSI International Limited u ghalhekk l-ebda pagament ma huwa dovut minn Rudolphe Gaerty;*

3) *Illi fit-tieni lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati peress li l-konvenut eccipjenti ma rcieva l-ebda kummissjoni li allegatament kienet dovuta lill-attur Paul Caruana a bazi ta' l-Iskrittura Privata datata 16 ta' Gunju 1997 msemmija fl-att tac-citazzjoni, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza;*

4) *Illi fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fill-fatt u fid-dritt u huma biss allegazzjonijiet bla bazi u minghajr ebda prova, bbazati biss fuq ftehim vizzjat, rizultat ta' ksur mill-attur Paul Caruana tal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess kuntratt, u dan ai termini ta' Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc (kapitolu tlettax (13) tal-Ligijiet ta' Malta), u dwar dan il-konvenut eccipjenti gia inizzja proceduri fl-ismijiet Rudolphe Gaerty vs Paul Carunana (Citazzjoni numru 629/02 JA) nhar il-31 ta' Mejju 2002;*

5) *Illi fir-raba lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici m'ghandhomx jigu milqugha stante il-fatt illi s-socjeta' estera MSI International effettivament tterminat l-licenzja moghtija lill-esponenti nhar l-14 ta' Frar 2000, per Dok. A hawn anness, ghal ragunijiet kompletament dipendenti fuq l-agir irresponsabbli u xejn professjonali ta' l-attur Paul Caruana, hekk kif inhu ukoll attesat mill-President/CEO tas-socjeta' estera MSI International Limited Eric Lindberg, permezz ta' affidavit, kopja ta' liema li hawn annessa u mmarkata Dok. B, u ghaldaqstant l-attur ma ghandu l-ebda dritt ghall-kummissjonijiet billi l-ebda xoghol kif kontemplat fil-ftehim citat mill-attur ma gie konkluz mill-14 ta' Frar 2000 il-quddiem;*

6) *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Rudolphe Gaerty, a fol 33 et seq;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 18 ta' Ottubru 2004 li bih il-Qorti ordnat li jinstemghu provi fuq eccezzjoni ta' preskrizzjoni, a fol 47;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet, datata fil-14 ta' Marzu 2005, a fol 74 et seq;

Rat in-nota ta' twegiba ta' l-attur Paul Caruana dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghan-nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut Rudolph Gearty, datata 29 ta' Marzu 2005, a fol 86 et seq;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti kif diversament preseduta fl-20 ta' April 2005, a fol 92 et seq, li permezz taghha laqghat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimat;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2006, a fol 146 et seq, li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni;

Rat is-surraga tal-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri, datata 20 ta' Marzu 2014, a fol 354;

Rat il-provvediment moghti mill-Qorti taghha fis-26 ta' Jannar 2015, a fol 655 et seq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Paul Caruana (ID 753360M), datata 12 ta' Jannar 2016, a fol 662 et seq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty, datata 10 ta' Mejju 2016, a fol 669 et seq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta' Global Executive Search (Malta) Limited (C16725), datata 6 ta' Gunju 2016, a fol 684 et seq;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-Trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Fid-dikjarazzjoni tieghu, l-attur semma li permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Gunju 1997 redatta bejn l-attur u l-konvenut, kienet giet ittrasferita l-attivita` kummercjali konsistenti fi *franchise* tas-socjeta` estera M.S.I. International gja` Search Consultants International (S.C.I.) (U.K.) f'Malta immexxija mill-attur. In-negozju ta dan il-*franchise* kienet wahda ta' *head hunting*. Illi ai termini ta' l-istess skrittura privata, il-konvenut kellu jhallas lill-attur rati ta' kummissjoni skond in-natura u l-origini tal-*placements* ta' kanditati fi banek esteri.

Illi ai termini tal-imsemmija skrittura l-attur jsostni li kien hemm obbligu da parti tal-konvenut illi jhallas lill-attur il-kummissjonijiet fuq dawn il-*placements* konkluzi mill-24 ta' Frar 1998 sas-16 ta' Settembru 2002.

Illi ghalhekk certa kummissjonijiet setghu kienu dovuti minn din is-socjeta` kummercjali konvenuta **mit-3 ta' Marzu 2001 sad-data ta' l-iskadenza ta' l-iskrittura privata fuq indikata u cioe` s-16 ta' Settembru 2002**. Sostna li l-intimat ma kienx hallas dak li kien dovut lilu ghall-perjodu ndikat bhala kummissjonijiet ai termini ta' l-iskrittura privata fuq imsemmija, u li Rudolphe Gaerty, interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti.

Fl-affidavit tieghu Paul Caruana semma li hu kien dahal fi ftehim mal-konvenut li minn naha tieghu izda l-konvenut m'onorax dan il-ftehim. Ghalhekk kellu jiftah kawza 369/98JRM li ghadha pendenti, liema kawza tkopri l-perjodu sad-data ta' meta fetah il-kawza jigifieri sat-23 ta' Frar 1998. Semma li l-ftehim kien li l-konvenut kellu l-obbligu kontrattwali li jibqa' jeffettwa hlasijiet sas-16 ta'

Settembru 2002. Qal li meta skada t-terminu, hu halla ftit zmien jghaddi mbaghad ghamel ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru 2003 kontra l-konvenut.

Semma li hu ma kienx agixxa bhala sensar la ghall-konvenut wisq anqas ghal xi kumpanija barranija ghax hu kien waqaf minn dak in-negozju.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, Rudolphe Gaerty sostna li meta kien gie appuntat Istitur minflok l-attur Paul Caruana, dan kien sar bi ftehim dirett ma' SCI UK Limited nhar il-15 ta' Gunju 1997, bejn Eric Lindberg ghal MSI International u SCI UK Limited fuq naha wahda, u Rudolphe Gaerty ghall-ufficju ta' SCI Malta fuq in-naha l-ohra [Dok. E]. L-intimat dahal fi ftehim mal-attur Paul Caruana sabiex l-istess attur jittrasferixxi d-drittijiet tieghu fuq l-infrasftruttura li huwa kien juza sabiex jaqdi l-funzjonijiet ta' Institur rapprezentattiv f'Malta ta' SCI UK Limited. Illi l-attur Paul Caruana kien ibbaza l-pretensjonijiet tieghu fuq dan il-ftehim datat 16 ta' Gunju 1997.

Illi ai termini tal-imsemmija skrittura, il-konvenut kien obbligat ihallas dawk il-kummisjonijiet ekwivalenti ghall-hamsa fil-mija (5%) tad-dhul generat minn-negozju konkluz u mhallas lill-Ufficju ta' SCI (UK):

> ***"Article 7.3 …, of such sum as it is equivalent to five per centun (5%) of all cash-ins generated by the various placements made by the Business as received by the Office of S.C.I. (U.K.) throughout each particular year".***

Meta xehed Rudolphe Gaerty, sostna li S.C.I kienet agenzija ta' *head hunting* u xogholha kien li tlaqqa' kandidat li qed ifittex xi impjieg ma' kumpanija li trid timpjega lil xi hadd. Kienet tirrangalhom l-*interview* u tghin fil-process tal-hrug tal-kuntratt ta' impieg f'kaz li z-zewg partijiet jaqblu li jridu jahdmu ma' xulxin. Semma li kienu jithallsu percentwali mit-total li kien ikun miftiehem fuq il-kuntratt ta' impieg u liema percentwali kienet tvarja minn hmistax (15%) sa hamsa u tletin (35%) fil-mija. Qal li kienu jithallsu biss jekk ikunu kapaci jirrangaw il-*meeting* u f'kaz li ma kienux, il-*fee* kienet tigi potenzjalment imnaqqsa jekk ma kienux

involuti fil-process totali. Il-*commission* li kienu jiehdu kienet tvarja skond l-*input* taghhom.

Il-ftehim Dok. A a fol 7 et seq kien **gie iffirmat minnu (Gaerty) fil-kapacita` tieghu personali**. Dwar pagna 11 paragrafu 7.3, qal li meta l-MSI itterminaw lill-attur, hu seta' mar isib ufficju, jaqbad linja tat-telefon u jopera minghajru. Fil-kaz tax-xoghol inniffsu, hu kien jircievi percentwali. Qal li hu kien intrabat li jhallas sa Settembru 2002, il-hamsa fil mija (5%) tal-kummissjoni li jircievi minghand il-klijenti u qal ukoll li kien hemm xi *cash-ins* li thallsu wara t-terminazzjoni fi Frar 2000. **Semma li l-attur kien gie mhallas ta' kollox anki jekk il-*cash-ins* kienu ricevuti wara din id-data**.

L-iskrittura privata li ggib id-data tas-16 ta' Gunju, 1997 hija l-bazi ta' l-azzjoni proposta mill-attur. Din l-iskrittura, hija ftehim ta' bejgh ta' negozju li kien gestit mill-attur liema bejgh kien qieghed isir lill-konvenut Rudolphe Gaerty fil-kapacita` tieghu personali. Infatti l-ewwel artikolu jghid testwalment hekk:

> "*The Transferor* (cioe' Paul Caruana, l-attur) *is hereby selling and transfering unto and in favour of the Transferee* (il-konvenut Gaerty), *who under the same title, is acquiring and accepting, the **general business activity, license and goodwill** pertaining to the Business in its entirety;"*

In-negozju li kien qed jigi trasferit kien dak hekk maghruf bhala "*head hunting activity*" li kien qed jigi gestit "*under the name of S.C.I., under authorisation and license from S.C.I. Limited, the European Headquarters of Search Consultants International, **hereinafter referred to as THE BUSINESS;**".*

Fl-affidavit tieghu a fol 49-50, u fil-kontro-ezami tieghu a fol 56, l-attur xehed bi referenza ghal eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Rudolph Gearty a fol 58 et seq xehed illi l-agenzija esterna S.C.I. kienet agenzija ta *head hunting* – cioe li tlaqqa kandidat li qed ifittex impieg ma societa' li trid timpiega kandidat bi kwalifiki u esperjenza specifika u li tithallas percentwali mit-total miftiehem fil-kuntratt li jvarja minn 15% sa 35%. **Gaerty xehed illi**

**f'Dicembru 1999 l-agenzija S.C.I. ma baqghetx topera fl-Asia u fl-Ewropa, haga li l-attur ma jridx jaccetta.**

Gearty xehed illi huwa iffirma l-iskrittura Dok A a fol 7 fil-kapacita personali. B'referenza ghal Artikolu 7.3 f'Dok A 1 (fol 11) xehed illi MSI kienu tterminaw l-impieg ta' Paul Caruana bhala Istitur. Gearty xehed li kien ntrabat li jhallas 5% ta *all cash ins* generati mill-*commissions* rekati mill-*placements* konkluzi tal-klienti esteri maghmul mill-*Business* kif ricevuti minn S.C.I. (UK) li minn naha taghha kienet izomm l-*commission* dovut lilha u tibghat dak dovut lil Gaerty.

Fit-testimonjanza tieghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta – (629/02) JA, Paul Caruana a fol 62 xehed li hu kien *Managing Director* ma SCI li kienet *Recruitment Agency* ghas-settur bankarju barra minn Malta – cioe kien jaghmel xoghol ta' tiftiex ta' kanditati ghall-impieg mal-banek. Kif jigi konkluz impieg u cioe' jsir *placement* ta' Kanditat mal-Bank, SCI kienet tithallas percentagg tal-kuntratt iffirmat.

Caruana a fol 67 xehed illi s-societa' **"estera SCI gieghlitni naghmel ftehim mieghu (ma Gaerty)."**

**"Tajtu cans sena ghax kelli *five percent* mill-*business* li zammejt u tajtu cans jahdem fuq it-*telephones* tieghi u hu kellu jhallashom** – vide fol 69.

Is-Societa' estera MSI *International* itterminat il-licenzja moghtija lill-Paul Caruana fl-14 ta' Frar 2000 (vide Dok A a fol 39) ghal zewg ragunijiet:

1. ***"MSI is withdrawing from permanent recruitment in Investment Banking both in Europe and Asia***
2. ***We do not wish to be associated with Mr. Paul Caruana".*** – vide fol 39

Infatti Eric Lindberg fl-affidavit tieghu a fol 40 jiddikjara li fis-6 ta' Gunju 1997 SCI London tat lil-attur *notice of termination* minhabba *"**serious breach of trust and other grave reasons**"*. Lindberg jghid li Gaerty dahal fi ftehim ma Caruana

ghat-trasferiment tan-negozju ta CSI bil-ghan li jkun hemm "***a smooth transition***" u rekonciljazzjoni tal-*accounts*. Lindberg jghid li CSI endorsjat dan il-ftehim:

> ***"It was a mandatory requirement by SCI that all clients were to be billed by SCI London. By endorsing the agreement, SCI London retained discretion over the funds, thereby ensuring the recovery of monies forwarded to Paul Caruana to settle expenses incurred in the running of the business. ...On the 14th of February 2000 SCI terminated the relationship with Malta because it did not want to be involved with Paul Caruana any longer. The smooth transition he promised did not matierialize and his behavoir towards SCI London and Rudolphe Gaerty can only be described as outrageous and unworthy of a gentleman. Paul Caruana had once more let everybody down with the consequence that SCI could tolerate the situation no longer and severed its relationship with Malta".***[1]

SCI kkonfermat illi Rudolphe Gaerty "***never handled any funds belonging to Paul Caruana, simply because he was never in possession of these funds because all the billings relative to the business concluded by SCI Malta under Rudolph Gaerty's management were effected by SCI London."***

Di piu' SCI ma kienitx involuta "***in any capacity***" ma Malta jew ma Gearty f'Malta u imkien iehor wara id-data tal-14 ta' Frar 2000 li kienet id-data tal-qtuh ta relazzjonijiet – vide fol 40.

Margaret Sammut a fol 188 et seq prodotta mill-attur, xehedet illi hija kienet ilha tahdem mas-societa intimata mill-2000 fil-kariga ta' *Administrative Manager*. Ikkonfermat li kienet tahdem mal-attur Caruana fil-1997 sad-data meta bdiet tahdem mas-societa' intimata.

> **"Naf li jien qatt ma waqaft nahdem fis-sens li ma kien hemm ebda periodu meta jiena ma kontx impiegata bejn dawk iz-zminijiet u**

[1] Vide fol 40, vide ukoll memorandum of agreement Dok E a fol 43

**ghalhekk komplejt mill-ewwel darba li x-xoghol tbiddel". – vide fol 188.**

**Xehedet li bhala stat ta' fatt *placements* kienu qed jsiru – vide fol 189.**

A fol 192 giet ezebita t-testimonjanza li Eric Lindberg iddepona fil-proceduri 354/01 quddiem l-Imhallef Dr. J.R. Micallef.

Lindberg ikkonferma li kien il-President u *Chief Executive Officer* ta' MSI International u dan mill-1968. Huwa kkonferma l-affidavit tieghu u sostna illi SCI UK kienet societa sussidjarja Ingliza affiljata ta' MSI International b'officini f'Malta, Cipru u Skotzia.[2] Presentement SCI UK kienet societa li ma kienitx attiva (*dormant*).

Huwa kkonferma li MSI qatghet r-relazzjonijiet kollha ma Malta fi Frar 2000[3] ghaliex ma baqghatx topera fl-Ewropa u fl-Asia[4]. Gaerty lanqas ma kien f'pozizzjoni li jaghti l-*business* ta' MSI lill-haddiehor. Lindberg xehed illi l-informazzjoni u **d-*data* kollha tal-ufficju, l-ismijiet tal-klienti u tal-kandidati, kienu proprieta' ta' SCI**; li l-*billing* kien isir fl-Londra – imbghat jinbghat dak dovut lil Malta.

**Ikkonferma li l-*Manager* f'Malta ma kellu ebda kontrol fuq flus tas-societa' SCI jew MSI.**

Lindberg xehed li l-attur Caruana kien nstab li qieghed johrog xi kontijiet ghar-rasu u ma jghaddiehomx tramite l-ufficju fl-Londra u ghalhekk gew terminati s-servizzi tieghu. Lindberg ikkonferma l-*accounts* ezebiti u xehed li Paul Caruana kien thallas via *Bank Transfers* direttament fl-akkont bankarju tieghu.[5]

Lindberg ikkonferma **li SCI u MSI ma kienux parti mil-ftehim Dok. A.** Mitlub jghid kif endorsja il-ftehim, sostna li l-ufficju ta' MSI kienu jafu bil-ftehim. Qal

[2] Vide fol 192 dorso
[3] Vide fol 193
[4] Vide Dok E u fol 43
[5] Vide fol 196 u vide dorso ukoll

ukoll li Wiggins kien itratta ma Caruana. Ikkonferma li kien il-kompitu tal-*accountant* Gordon Ralph biex jibghat il-flus lil Caruana[6]. Huwa xehed li ammont ta' flus – cioe' tnejn u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm 22,000) kienu mizmuna mis-societa' MSI sakemmma jsir l-*audit*.

Huwa xehed[7] illi **MSI jew SCI UK m'ghanda ebda konnessjoni ma *Global Executive Search*.** Taf biss illi Rudolph Gaerty kien konness ma dan il-*business*. Huwa sostna illi minkejja endorsja l-ftehim bejn Gaerty u Caruana, il-posizzjoni ta' MSI kienet li Gaerty kellu jidhol fi ftehim ma Caruana biex jirregolaw it-*transition*. Huwa sostna li Wiggins u Caruana kienu hbieb. Iddikjara li l-pagamenti lil Caruana waqfu meta gie skopert li Caruana kien qed johrog *di sua sponte* kontijiet direttament lil klienti ta' MSI, u dan a skapitu tal-istess societa'. **Ghalhekk kellu jigi accertat li dak li Caruana kellu jaghti lil MSI fil-fatt jigi mhallas jew almenu pacut ma dak li seta kien dovut lil Caruana[8].**

In re-ezami Lindberg xehed li l-hrug ta' kontijiet diretti minn Caruana u kontra l-proceduri tas-societa' MSI u SCI kien gie skopert meta nbtaghtet ufficjal gholi tas-societa' estera Maria Valluzzi f'Malta[9]. Il-Qorti rat u ezaminat id-domandi in kontro-ezami ezebiti minn Paul Caruana li jinstabu a fol 206 u r-risposti ta' Lindberg a fol 212.

Paul Azzopardi xehed[10] li kien jahdem bhala *Accounts Executive* ma l-attur fil-1997 imbaghad kompla jahdem fl-istess kariga ma Gaerty. Huwa xehed li wara li jsir ix-xoghol ta' tiftix ta' kandidati u dan jigi konkluz bi kuntratt ta' impieg kienu jdahhlu 25% tas-salarju annwali tal-kandidat kif indikat fil-kuntratt tal-impieg. Azzopardi xehed illi hu kien jiehu 15%. **Ma setghax jaghti n-numru ta' *placements* jew flus li ppercepixxa meta kien jahdem ma Caruana jew meta kien jahdem ma Gaerty ghax kienu ghaddew aktar minn ghaxar snien.** Ikkonferma li qatt ma ha flus mill-klient direttament jew dejjem ha flus tramite Caruana jew Gaerty.

---

[6] Vide fol 198 dorso
[7] Vide a fol 200
[8] Vide fol 201 dorso
[9] Vide fol 204 dorso
[10] Vide fol 221 et seq

Fl-affidavit tieghu[11] Caruana jsostni li meta rcieva l-ittra tal-14 ta' Frar 2000 (Dok 1) **huwa mill-ewwel induna li din kienet manovra sabix huwa ma jinghatax dak li kien tieghu bi dritt.** Caruana allega illi t-terminazzjoni ta' negozju ta' SCI u MSI fl-Ewropa **kienet biss paraventu ghaliex in-negozju li kien qed jigi gestit Malta a nom ta' MSI, beda jsir mis-societa *Global Executive Search (Malta) Limited.*** Caruana xehed li minn indagini li ghamel fir-registru tal-kumpaniji sab illi l-azzjonisti u diretturi ta' din is-societa' kienu missier u oht Gaerty u li l-ufficju registrat kien jindika r-residenza ta' Gaerty.

Caruana xehed illi huwa ghalhekk kien kostrett li jintavola kawza 369/98 JRM ghal hlasijiet dovuti, skond il-ftehim fit-23 ta' Frar 1998 u l-kawza 354/2001 ghall-hlasijiet tal-kummissjoni mill-24 ta' Frar 1998 sat-2 ta' Marzu 2001 waqt li ntavola il-kawza odjerna tal-hlas kummissjonijiet **mit-3 ta' Marzu 2001 sas-16 ta' Settembru 2002.**

Karl Chetcuti Bonavita[12] xehed li kien jaf lil l-attur Caruana u kien impjegat mal-MSI fejn Caruana kien il-Kap tieghu. Qatt ma hadem ma Gaerty personalment izda hadem mas-societa Global Executive Search (GES). Huwa sostna illi kwazi kull impiegat (*Account Executive)* kien telaq mill-impieg ghaliex il-kondizzjonijiet tax-xoghol kienu ibsin. Kien jiehdu 15% meta jigi finalizzat kuntratt ta' impieg. Ma GES ix-xoghol kien l-istess izda l-*Commisson* kienet xi 20%. Huwa sostna li bejn ix-xoghol mal-attur u dak mas-societa' intimata, kien ghadda xi periodu qasir ta' ftit gimghat. **Ma kienx f'pozizzjoni jaghti informazzjoni dwar l-introjtu tieghu mal-attur jew mal-intimati.**

A fol 269, xehed li l-ahhar *placement* li kkonkluda kien fi Frar ta' 2000, u telaq mill-impieg tieghu f'Novembru 2001. Ikkonferma li l-*commission* tieghu, kemm meta kien jahdem ma Caruana kif ukoll, ma GES, **kienu joriginaw minn barra**.[13]

[11] Vide fol 225 et seq
[12] Vide xhieda a fol 265 et seq
[13] Vide xhieda fol 270

Jasmine Nuvoli, a fol 271, segretarja mal-attur, xehedet illi kienet gia telqet mill-impieg taghha meta n-negozju gie trasferit lis-societa' ta' Gaerty.

Chris Sacco[14] xehed li kien impiegat mas-societa' Amerikana MSI bhala *Accounts Executive* liema societa' kellha ufficini f'Malta gestiti mill-attur. Wara li gie trasferit il-*Franchise*, kien jahdem ma Gaerty bejn 1997-2000 mal-istess kumpanija MSI, waqt li bejn Frar 2000 sa Ottubru 2002 hadem mal-*Global Executive Search* (GES). Ikkonferma t-tip ta' xoghol, l-ammont ta *commissions,* kif kienu jinhadmu u **kif wara Frar 2000 MSI ma kienet ticcentra xejn fix-xoghol ta' *Global Executive Search Malta Limited.***

Rudolph Gaerty ikkonferma li jaghmel xoghol ta' *recruitment* internazzjonali fis-societa' intimata *Global Executive Search Malta Limited* (GES) u dan minn Marzu 2000.

Ikkonferma illi x-xoghol ta' *head hunting* kien isir u li Paul Caruana kien jiehu 5% tal-*business* kollu konklus f'isem SCI. Dawn jidhru fl-*audited accounts* tas-societa'. Minn Frar 2000 il-quddiem, – cioe' wara t-tmim tar-relazzjonijiet kummercjali, ma sar ebda *placement* f'isem SCI ghaliex il-licenzja ta' SCI spiccat.

Minn dan il-punt il-quddiem l-impiegati f'dan l-istadju, setghu jibdew jahdmu ghar-rashom. Fil-fatt f'temp ta' ftit xhur l-*Accounts Executives* Richard Schranz, Paul Azzopardi u Karl Chetcuti telqu u fethu l-*business* ghar-rashom. Illi minn hemm il-quddiem GES kellha tibni l-*image* u l-*profile* taghha, taghmel ix-xoghol il-*marketing* etc. Gaerty xehed illi b'referenza ghall-impiegati li ma jrexxilhomx jahdmu ghar-rashom, huwa offra kondizzjonijiet xierqa u hadd minnhom ma ffirma a *non-compete clause.* A fol 309 sa 319, societa intimata ezebit l-*accounts* tas-societa tas-sena 2001 sa 2002 u gie ezebit ukoll GESML1 a fol 328.

[14] Vide xhieda fol 278

Dr. Claudette Fenech *Legal Officer* mal-Malta Finanical Service Authority ezebit il-*Memorandum and Articles of Association*[15] tas-societa' intimata gia R+R Enterprises Ltd li biddlet isimha fil-15 ta' Marzu 2000.

Rudolph Gaerty ezebixxa Dok RGO2 a fol 361 et seq.

Dr. Perici Calascione fl-affidavit tieghu a fol 367 ikkonferma li SCI hallset is-somma ta' (LM 74,954.27) lil Paul Caruana.

Mit-testimonjanza ta' Audrey Ghigo (ufficjal tal-HSBC) mghotija fil-proceduri 629/01 JA, kkonfermat l-akkonti bankarji ta' Paul Caruana u xehedet li kien infetah kont bankarju f'isem Dr. Emanuel Malia, Dr. Alex Perici Calascione u Natasha Busuttil[16]. Hi ezebit Dokumenti AG1 sa AG6[17] *bank statements* u *transfers* lill-kontijiet bankarji ta' Paul Caruana u l-avukati tieghu minn banek esteri, izda ma setghetx taghti informazzjoni tas-societa jew persuna li baghtet dawn il-*bank transfers* stante li din l-informazzjoni tinzamm biss ghall-hames snin.

Fl-affidavit tieghu Gaerty[18] spiega n-natura tax-xoghol ta' *head hunting* fid-dettal[19]. Huwa xehed illi l-impiegati – *Accounts Executives* (AEs) kienu impiegati direttament minn SCI izda l-ufficju, telefones, ghamara tal-ufficju u apparat kienu pprovduti mill-attur Caruana li gie mahtur Istitur minn MSI u kien jithallas bi percentwali tax-xoghol li kien jwettqu l-(AEs), li minn Jannar 1996 kien 80% ta dak kontrattat. Minn dan l-ammont mibghut minn SCI UK, Caruana kien jhallas il-*commission* individwali dovuti lil-AEs f'Malta. Huwa ezebixxa Dok RG06 a fol 394 li hu kuntratt tal-impieg tieghu (Gaerty).

A fol 481 u 482, Gaerty spiega kif kienu jinhadmu r-rati tal-*commissions* dovuti lil-AEs fuq ix-xoghol konkluz u kif din r-rata ta *commission* kienet tawmenta meta l-AE jaqbad is-somma ta' hamsin elf Lira Sterlina (£50,000) u kif jerghu jawmentaw meta jaqbad is-somma ta' mitt elf Lira Sterlina (£100,000). Gaerty sostna illi AEs

[15] Vide fol 358
[16] Vide fol 426-428
[17] Vide fol 418-474
[18] Vide fol 475
[19] Vide fol 478

l-ohra ghajr ghal Shranz, kienu ingaggati b'rata ta' *commission* aktar baxxa minn dik moghtija lilu.[20]

Gaerty spiega ukoll l-maniera kif Maria Valluzzi ntebhet[21] li Caruana kien qieghed jibghat l-kontijiet tal-*placements* direttament lill-klienti u kif kien qieghed jigi skartat dak dovut lill-ufficju ta' MSI/SCI.

Minkejja li SCI kellha l-informazzjoni shiha minn AE's Maltin bil-*placements* imwettqa minnhom individwalment, Paul Caruana qatt ma rregola jew irrekoncilia l-pozizzjoni tieghu mas-superjuri tieghu f'Londra u fl-Amerika u spicca biex gie terminat bhala Istitur. B'dan l-agir, Caruana ipperikola l-impieg tal-AE's kollha f'Malta. In segwitu ta' dan, gie mahtur Gaerty bhala Istitur u l-AEs ddecidew li jahdmu ma Gaerty minflokk ma Caruana ghaliex ikkonkludew ma setghawx jafdawh aktar.

Gaerty sostna illi Paul Caruana thallas dak dovut lilu kif jirrizulta minn Dok AG4, AG5 u AG6 u s-somom hemm indikati kif jirrizulta minn fol 508 u kif konfermat mill-istess avukat tieghu.[22]

Dawn huma ekwivalenti ghal ammonti indikati fl-appendici 4 tar-*Reconciliation of Accounts.* Gaerty sostna li l-hlasijiet li saru lill-Paul Caruana saru kienu in eccess ta' mija u erbghin elf Liri Maltin (Lm140,000) f'kummissjoni ta' 5% skond Art 7.3 tal-ftehim.[23] Infatti l-attur rceva mija u tletin elf Liri Maltin (Lm 130,000) cioe' 5% fuq zewg miljuni u sitt mitt elf Liri Maltin (Lm 2,600,000), rceva tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) skond Art. 7.1 u tnax-il elf u hames mitt Liri Maltin (Lm12,500) skond Art 7.2. ai termini tal-kuntratt Dok. A u mitejn, hamsa u sittin elf, u sebgha mija u disgha u erbghin Liri Maltin (Lm265,749) fuq attivita qadima.

Dan kien ifisser illi Caruana rcieva erbgha mitt elf Lira Sterlina (£400,000) oltre tnejn u erbghin elf u hames mitt Liri Maltin (Lm42,500) f'sommom prelikwidati. **Dan il-hlas jinkludi s-*set off* ta' SCI fuq dak dovut lilha, minn Paul Caruana**

[20] Vide fol 482
[21] Vide fol 484
[22] Vide affidavit ta' Dr. Alex Perici Calascione Dok ARG06 a fol 367
[23] Vide fol 514

**cioe' mija u sitta u ghoxrin elf, mija u hamsa u hamsin Lira Sterlina (£126,155).**

Dan kollu gie kkoroborat f'Dok RGO3 a fol 526 et seq li huwa *reconciliation of Account* redatt minn MSI b'referenza partikolari ghal *Appendix 4* li jinsab a fol 544.

**Dawn l-*accounts* gew ezaminati indipendentement mis-societa Deloitt and Touche fir-rapport taghhom Dok RGO4 li jinstab a fol 519-525. Deloitt and Touche qablu mal-*accounts* redatti minn MSI.**

Fl-affidavit ulterjuri tal-konvenut,[24] l-intimat rega tenna dak dikjarat fl-ewwel avvidit tieghu li dahal fi ftehim ma Caruana ghaliex ma ridtx jitlef dak in-negozzju li jigi generat minn "*call-backs*" minn klienti antiki u l-ghaliex l-access u control tal-linji telefonici kienu jirraprezentaw sa' ghaxra fil-mija (10%) tal-*business.*

Wara li rega tenna l-figuri moghtija aktar il-fuq, Gaerty sostna li wara li SCI itterminaw l-attivita taghhom fl-Malta, Ewropa u l-Asia fi Frar 2000, **kull ftehim, *commission agreement* tal-klienti u kull beneficcju iehor intilef.**

Gaerty sostna ukoll illi ebda parti tal-*business* ta' SCI ma gie trasferit lil terz – infatti l-impiegati (AEs) kienu liberi li jaghzlu li jahdmu ma min riedu. Di piu' l-ufficju li kien ha minn Caruana gie cedut lill-eredi tas-sid anke minhabba l-fatt illi l-ufficju, l-apparat u l-mobbli kontenuti fih kienu gew maqbuda mill-effetti tal-mandat intavolati mill-attur. Di piu' l-linji telefonici qatt ma gew trasferiti lil Gaerty.

Ghalhekk wara t-tmim tar-relazzjoni kummercjali ma SCI, ma gie generat ebda *business* gdid.

A fol 577 giet prezentata sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet inversi datata 31 t'Ottubru 2014.

[24] Vide fol 549 et seq.

In kontro-ezami[25] Gaerty spjega li l-attur thallas dak kollu dovut lilu skont il-ftehim minn Dok.A liema ftehim jikkontempla hlas ta' 5% *commission* sad-data tas-16 ta' Settembru 2002, il-ghaliex SCI itterminaw il-ftehim taghhom fi Frar 2000 u irtiraw il-*business* mill-Ewropa. Gaerty ikkonferma li Deloitt and Touche sahansitra ghamlu rapport fuq *reconciliation of Accounts* sottomess minn SCI – u qablu mal-*reconciliation of Accounts* ta' SCI.

Gaerty xehed illi l-*Goodwill* li kien xtara permezz tal-ftehim Dok. A, safa fix-xejn meta l-Maltacom qatghu l-linji tat-telefones tal-ufficju tieghu ghaliex l-attur ma hallas l-kontijiet relattivi.

Il-Qorti hadet konjizzjoni ukoll tas-sentenza deciza fil-26 ta' Gunju 2014 per Imhallef Dr.Lorraine Schembri Orland.

**Ikkonsidrat:**

Il-kwistjoni li ghandha quddiema din il-Qorti tikkoncerna dritt o meno tal-attur ghall-hlas ta' 5% *commission* fuq *placements* maghmula minn-negozju *(Business)* kif mibghut mill-SCI UK u **dana ghall-perjodu tat-3 ta' Marzu 2001 sas-16 ta' Settembru 2002**, skond il-ftehim Dok A.

**Dan huwa l-perjodu operattiv li fuqha tippernja l-kawza.** Il-Qorti taghmel accenn ghall-proceduri fl-ismijiet Paul Caruana vs Global Executive Services Malta Limited, Rudolphe Gaerty, Ronald Gaerty u Ondine Gaerty [26]354/2001/1 LSO deciza in parte fis-26 ta' Gunju 2004[27] u il-proceduri quddiem l-istess Qorti diversament preseduta citaz numru 369/1998 JRM, li jikkoncernaw talbiet varji fuq l-istess skrittura u fuq il-*placements* sa data antecedenti ghal din il-procedura.

Il-klawsola salienti tal-ftehim tas-16 ta' Gunju 1997 hija l-klawzola 7.3 ta' Dok A li tipprovdi:

[25] Vide fol 583
[26] Vide fol 610 et seq
[27] Sentenzi ezebiti Dok DL1 a fol 610

*7.3. The annual payment by the Transferee unto and in favour of the Transferor, for a definite period of five (5) years and three (3) months commencing from the Effective Date and terminating on the sixteenth (16th) day of September of the year two thousand and two (2002), of such sum as is equivalent to five per centum (5%) of all cash-ins generated by the various placements made by the Business as received by the Office of S.C.I. (U.K.) throughout each particular year.*

*Provided that this sum will not be calculated on the activity mentioned in Article 6 hereof.*

.....

*It is furthermore specifically agreed that with respect to these particular payments subject of the prezent sub-article, the Transferee is delegating to S.C.I. (U.K.), who has already indicated due acceptance, the obligation to make such payments directly to the Transferor, as and when they fall due.*

*Provided that should, within such five year three month term, the Transferee cease to work in association with S.C.I. (U.K.), such payments will continue to be made directly by the Transferee.*

*The Transferor retains the right to inspect, directly or through nominated reprezentative, the books, records and accounts of the Business strictly for the purposes of verifying the extent of such sums due to him throughout this said five year three month period.*

*At the expiry of the said five year three month period and provided all due payments are made as stipulated herein, and saving any material breach of any of the provisions detailed herein, both parties will not have any claim, of whatever nature, against each other arising from this Private Agreement."*

Qabel ma tghaddi biex tezamina l-meritu tal-kwistjoni, l-Qorti taghraf li ghandha tindirizza f'dan l-istadju, l-ewwel talba attrici cioe' sabiex il-kawza tinstema flimkien mal-kawza 369/98 JRM.

Irid jinghad illi l-Qorti, kif diversament preseduta, kienet gia ddecidiet din it-talba u fil-fatt fid-digriet datat 18 ta' Ottubru 2004[28] kienet ordnat is-smiegh fuq eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni. Ghalhekk l-ewwel talba tal-attur hija ormai sorvolata.

Ghar-regward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-intimat Gaerty ai tenur ta' l-Art. 2148(e), il-Qorti rat is-sentenza ta din il-Qorti diversament preseduta datat 20 ta' April 2005 (a fol 92 et seq) u dik tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Marzu 2006 (a fol 146 et seq) li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-intimat. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Gaerty hija ugwalment sorvolata.

Illi di piu' ghal regward tar-raba eccezzjoni tal-intimat Gaerty – cioe' li l-ftehim tas-16 ta' Gunju 1997 kien ivvizjat, rizultat ta' ksur mill-attur Paul Caruana tal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess kuntratt, u dan ai termini ta' Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc, il-Qorti taghraf illi din il-materja kienet il-pern tal-proceduri 692/02 JA liema kawza giet deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 – vide fol 577 et seq. Permezz ta' din is-sentenza il-Qorti tal-Appell cahdet it-talbiet ta' Gaerty u affermat li:

> **"l-obbligazzjoni ta' hlas u ta' trasferitment ta' linji telefonici kienet biss sekondarja u accessorja, li n-nuqqas tat-twettiq taghha ma fixkilx it-twettiq tal-obbligazzjoni ewlenija u li ghalhekk m'ghandux iwassal ghat-thassir tal-kuntratt."**[29]

Ghalhekk il-Qorti taghraf illi r-raba eccezzjoni tal-intimat hija ukoll sorvolata.

---

[28] Vide fol 47
[29] Vide fol 581

**Ikkonsidrat:**

Is-societa intimata u Rudolphe Gaerty ghar-ragunijiet diversi ecceppew illi huma mhumiex il-legittimi kontradittur ghat-talbiet attrici.

*Global Executive Search Malta Limited* tikkontendi li ma ghandha ebda relazzjoni guridika u ebda ness mal-attur. L-intimat jirribatti illi l-attur kellu relazzjoni guridika ma MSI *International* u l-pagamenti tal-kummissjoni pretizi minnu kienu direttament dovuti mill-istess societa esterna.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qrati taghna affermaw li:

> **"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienet materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridiku li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti".**[30]

Jinghad ukoll fuq il-kuncett ta' legittimu kuntrattur illi:

> **"sakemm ma jkun jidher illi l-eccezzjoni qieghda titqajjem biss bhala manuvera procedurali[31], d-determinazzjoni ta' min ghandu jkun fil-kawza hija aspett fundamentali tal-azzjoni li tkun, u dan ghaliex kull att gudizzjarju li jsir minn jew kontra persuna li ma tistax toqghod f'kawza u li ma tkunx awtorizzata regolarment ghal daqshekk, huwa att li ma jiswiex."**[32]

Tali eccezzjoni hija wahda perentorja tal-gudizzju ghaliex jekk tintlaqa tittermina l-azzjoni. Jsegwi ghalhekk li tali eccezzjoni tista titqajjem f'kull stadju tal-process

[30] Vide Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001
[31] Vide ukoll –Kennech Brincat vs AG et deciza minn l-Imhallef Dr. Ray Pace fl-10 ta Jannar 2003
[32] Vide Art 787(1) Kap 12 u Muscat et vs Benny Dingli et deciza 30 ta' Novembru 2006 per Imhallef J.R.Micallef

inklus fl-istadju ta' Appell[33] u jekk tigi akkordata ggib maghha il-helsin mill-osservanza tal-gudizzju.[34]

Il-gurisprudenza taghna tafferma:

> **"Koncettwalment din l-eccezzjoni tippresupponi difett ta' legittimazzjoni processwali. Permezz taghha s-societa' Appellata qieghda tissottometti li hija mhiex il-litis konsorju idoneu di fronte ghat-talba attrici. Hi kellha taccetta u tipprova ghall-konvinciment tal-Qorti li ma kellha ebda rabta mal-kawza petendi tal-avviz fil-konfront taghha."**[35]

Fil-kaz in ezami huwa pacifiku illi l-ftehim Dok.A tas-16 ta' Gunju 1997 gie iffirmat mill-attur u mill-konvenut f'ismu proprju. Certament ghalhekk l-intimat Gaerty huwa l-legittimu kuntradittur fil-kaz in ezami. Il-kwistjoni ta' minn fejn, kif u minghand min kien isir il-hlas hija materja li trid tigi ezaminati meta l-Qorti fl-analizi taghha fuq il-meritu.

Ghar-regward tas-societa intimata, il-Qorti taghraf illi ghalkemm huwa minnu li s-societa GES ma kienitx firmatarja tal-ftehim Dok. A, jirrizulta li Rudolphe Gaerty kien jiggestixxi n-negozju tieghu permezz tas-societa' intimata. Ghalhekk, siccome l-attur tefa dellijiet xejn lodevoli fuq agir allegatament frawdolenti da parti tal-intimat, din l-Qorti hija mghobbija bir-responsabbilita li tezamina kemm il-darba dan l-agir qarrieqi ntizi biex jigu eluzi l-obbligi tieghu, fil-fatt huwiex sorrett mill-provi.

Minkejja l-fatt li s-societa intimata ma kienitx tezisti fi zmien li gie ffirmat il-ftehim Dok.A il-ghaliex kienet intestata R&R Enterprises Ltd, il-Qrati taghna irritenew li societa xorta kellha tosserva l-obbligazzjonijiet ta' ftehim nonostante l-ezistenza ta' societa ohra, u dan bazi ta' principju li l-obbligazzjonijiet ghandhom

---

[33] Vide Societa Filarmonika la Stella vs Kummissarju tal-Pulizija deciza fid-19 ta' Lulju 1997 Appell Civili, vide ukoll VOL XXXIV. (i) 321; VOL XXI (i) 388 u Mary Grace Farrugia vs Stephen Farrugia deciza fit-12 ta' Novembru 2003

[34] Vide Dacoutios is Petrocchino et deciza fil-31 ta' Frar 1950 Appell Civili

[35] Vide Atlas Insurance Limited vs Air Cargo Logistics Limited, deciza fl-1 ta' Marzu 2006

jigu segwiti in buona fede a tenur tal-artikolu 993 tal Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – vide Dr. Jose Herrera nomine vs Tancred Tabone et nomine, App. Kummerc deciz fit-22 ta' Jannar 1992.

> "Il-Kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fidi u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom izda dak li l-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont x-xorta taghha, bl-ekwitu, bl-uzu, jew bil-ligi"[36]

Huwa resaput illi l-mala fede ma tistax tigi prezunta u trid tigi pprovata minn min jallega il-qerq.

In fatti:

> "meta issir allegazzjoni ta' fabbrikazzjoni, akkuza ta frodi, in kwantu dawn jimplikaw mala fede fl-appellat, il-prova dwarha riedet, u kellha tigi mill-appellat, fornita b'rigur partikolari. Inghad illi tali prova kella tkun **serja, unika u konklussiva**, mhux **semplici kongetturi jew supposizzjoni ta' manuvrar affrawdenti**"[37]
>
> (Enfasi ta' din il-Qorti)

**Ikkonsidrat:**

Mill-analizi tal-provi, l-Qorti ssib illi l-malafede attribwita lill-intimati mill-attur isserah fuq il-premessi segwenti:

(1) Illi mal-ittra tal-14 ta' Frar 2000 huwa nduna li din kienet manovra intiza biex ma jinghatax dak li kien tieghu bi dritt.
(2) Li n-negozju ta' MSI/SCI UK baqa jigi gestit f'Malta taht il-paraventu tas-societa' intimata.

[36] Vide Joseph Falzon vs Caladomo Andien, Appell Civil deciz fit-23 ta' Ottubru 1936

[37] Vide Micheal Bugeya vs Direttur tas-Sigurta Socjali – deciza fid-29 ta' Jannar 2010, vide ukoll Borg vs Grech – XXXII (i); 628 XXXIII (ii) 226; VOL XXXII (i) 628.

(3) Illi mill-indagni tieghu sab li s-societa' intimata kellha lill-missier u oht l-intimat bhala azzjonisti u l-ufficju registrat tas-societa intimata kien l-indirizz tar-residenza tal-intimat Gaerty[38].

Dawn l-allegazzjonijiet mhux biss ma jsibux konfort bi provi assodati izda huma totalment kontradetti mhux biss minn Eric Lindberg izda mill-*Accounts Executives* li kienu jahdmu mal-attur.

Dan qieghed jinghad ghaliex Lindberg kemm fid-Dikjarazjoni tieghu a fol 40, kif ukoll fix-xhieda viva voce tieghu, sostna li MSI/SCI UK riedet titermina r-relazzjoni kummercjali mal-attur **ghax tilfet il-fiducja fih** – Il-fiducja ntilfet ghaliex Caruana **inqabaq jibghat kontijiet ghar-rasu lil klienti esteri sabiex jevita l-hlas dovut lill-MSI**. Dan l-agir qarrieqi da parti tal-attur gie skopert minn Valluzzi li nbaghatet Malta u li hadet informazzjoni mill-*Account Executives* f'Malta tal-*placements* individuali kollha konkluzi minnhom. Kien ghalhekk li Lindberg qieghed Gaerty bhala Istitur.

Caruana nghata cans biex jirrifondi dak dovut lil MSI izda baqa jirrifjuta li jaghmel dan.

Kien ghalhekk li MSI tterminat n-negozzju u relazzjoni kummercjali ma Malta. Jidher ukoll illi fl-istess zmien MSI itterminat ir-relazzjoni kummercjali mal-Europa u l-Asia.

Ghat-terminazzjoni f'Malta tal-attivita kummercjali ta' MSI/SCI UK jahti biss l-attur. Xejn mill-komportament ta' Gaerty ma ta xi impetus jew xi kagun ghall-waqqfien tal-attivita kummercjali minn MSI/SCI UK – Infatti l-President ta' MSI kellu biss kliem ta' tifhir ghall-ghemil ta' Gaerty, li kien t-*top-biller* taghhom.

Illi ghall-regward tas-Societa Intimata il-provi juri b'modd inkontestat u xientifiku li s-societa R+R *Enterprises* kienet giet inkorporata **fl-14 ta' Settembru 1994** u bidlet isimha f'*Global Executive Search Malta Limited* **fis-17 ta' Marzu 2000**.

---

[38] Vide affidavit tal-attur Paul Caruana fol 225 et seq

Minn dan jirrizulta s-societa intimata kienet inkorporata **ferm qabel** – infatti **snien qabel** id-data tal-ftehim bejn il-kontendent u bidlet isimha **wara** l-ftehim. Di piu l-indirizz ufficjali tas-societa intimata hu l-indirizz tar-residenza ta' Gaerty. Illi ghalhekk il-***conspiracy theories*** da parti tal-attur jibqghu fil-relm ta' kongetturi u suppozizzjonijiet.

Il-Qorti tifhem u dan huwa assodat bil-provi ta' Lindberg u Gaerty, illi r-relazzjoni kummercjali inqatghet hesrem **fl-14 ta' Frar 2000,** li dan **sehh b'tort esklussiv tal-attur u independement mir-rieda ta' l-intimat jew is-societa intimata u b'detriment ghaz-zewg intimati.**

Illi jirrizulta pprovat minn xhieda prodotta mill-istess tal-attur cioe mill-*Accounts Executive* Karl Sacco illi **wara Frar 2000, MSI ma kienet ticcentra xejn fix-xoghol ta'** ***Global Executive Search Malta Limited.***[39] L-istess distinzjoni jaghmilha Karl Chetcuti Bonavita[40].

Illi ghalhekk ma tirrizulta ebda xraw ta' evidenza li b'xi mod titfa dell ta' mala fede f'hogor tal-intimat. Fl-istess pero' ma jistghax jinghad ghall-agir distruttiv u kontra-produttiv tal-attur.

Illi ghal regward tal-hlasijiet tal-5% *commission* ghall-perjodu 3 ta' Marzu 2001 sas-16 ta' Settembru 2002, il-Qorti rat u ezaminat ir-*reconciliation of accounts* – Dok. R03 a fol 526-547 u r-rapport ta' Deloitte – Dok RG04 a fol 519 li jezamina l-istess *accounts* u kkonfermaw l-ammonti li gew mhallsa minn SCI UK lill-attur.

Il-Qorti taghmel accenn specifiku ghal dak dikjarat mill-*Accountant* ta' MSI, Wayne Whatley f'pagna 531, li huwa Certifikat li jiskolpa lill-intimat u lis-societa' intimata minn kull allegazzjoni negattiva attribwita lilhom mill-attur.

Il-Qorti taghraf illi l-ftehiem Dok A. datat 16 ta' Gunju 1997 u d-dritt pretiz mill-attur ghall-hlas ta' 5% *commission* mid-data tat-3 ta' Marzu 2001 sas-16 ta'

---

[39] Vide fol 278
[40] Vide fol 265 u 266

Settembru 2002 skond Att. 7.3 hija **marbuta intriskament mal-qliegh li ghamel il-*Business*** – kif interpretat esplicitament fl-istess kuntratt – cioe:

> "*Where as the Transferor has for the past years been operating a head hunting business authority under the name of S.C.I. under authorization and license from SCI Ltd the European Headquaters of Search Consultants International* ***here in after referred to as The Business;***

Dan iffisser li l-hamsa fil-mija (5%) *commission* hi marbuta mal-qliegh tal-*business* ta' *Headhunting* ta' MSI u SCI UK. Ghalhekk mal-qtugh hesrem tar-relazzjoni kummercjali da parti MSI u SCI UK, **intemmet il-licenzja kif ukoll kull beneficju u kull qliegh li setghu kienu kapaci jaghmlu l-*Account Executives***.

Lanqas ma skatta t-tieni provisio tal-Art 7.3[41] ghaliex ma kienx Gaerty li waqaf jahdem ma MSI/SCI jew xi tort imputabbli lilu – Ghal kuntrarju t-tort ta' dan kollu kien pienament tal-attur.

Ghalhekk mar-revoka tal-licenzja ta' Gaerty u mal-qtugh tar-relazzjoni kummercjali tas-societa' Estera MSI/SCI UK fi Frar 2000, gheb u ngab fix-xejn kull pretensjoni ghall-hlas ta' kummissjoni ghal kwalunkwe *placement* li setghet saret mill-intimati qua entita' independenti mill-*franchise* li l-attur kisser b'tant efficenza.

Hi il-fehma konsiderata tal-Qorti illi anke kieku gie provat li Gaerty kien jahti ghal qtugh tar-relazzjoni ma MSI/SCI UK, (li certament mhux il-kas) l-irbit fil-kuntratt, tat-tifsira tal-"Business" mal-*commission* ta' hamsa fil-mija (5%), kien ssarraf fl-istess ezitu u cioe t-telf ta' dritt ghal kull *commission.*

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici, u tal-ewwel u r-raba eccezzjoni tal-intimat Gaerty stante li dawn huma sorvolati; tilqa l-eccezzjoni tas-societa' *Global Executive Search (Malta) Limited*

[41] Vide fol 20 ta' din is-sentenza

fis-sens li mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, tichad t-tieni eccezzjoni ta' l-intimat Gaerty, tilqa l-eccezzjonijiet numru tlieta, u hamsa tal-intimat Gaerty u tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**